MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 217/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Maurice Mallia)**
**Vs**
**Paul Michael Kavanagh**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

1. fl-14 ta' Marzu 2005 fir Triq Burgi, Swieqi, kkommetta serq ta' oġġetti li l-valur globali tagħhom jeċċedi s-somma ta' elf lira Maltin minn ġol-fond Casandra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-elf lira Maltin u bil-lok u li sar għad-dannu ta' Ethelbert u Maria Zammit;
2. fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Ġunju 2004 fi Triq Mattew Pulis Gżira kkommetta serq ta' oġġetti li l-valur globali tagħhom jeċċedi s-somma ta' mitt Lira Maltija iżda anqas minn elf lira Maltija minn ġo vettura tal-għamla

Peugeot 106 bin-numru tar-reġistrazzjoni JAZ 305 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin, bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

3. fl-istess dati u ċirksotanzi, f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejeġ misrqua, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal sabiex ibiegħ jew imexxi liema oġġetti ġejjin minn reati ta' serq ikkwalifikati bil-valur;

4. talli kkommetta reati li għalihom hemm piena ta' priġunerija fiż-żmien operattiv tas-sentenza sospiża mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-8 ta' Jannar 2003;

5. U finalment talli sar reċediv ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal- Liġijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Gunju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 262(b), 261(e), 264, 265, 266, 267, 269(g), 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kap. 9, l-artikolu 325 tal-Kap. 9, l-artikoli 261(b), 261(c), 261(f), 261(g), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 270, 271(g), 278, 279, 280 u 281 tal-Kap. 9, 334(a) tal-Kap. 9, 48, 50 u 289 tal-Kap. 9, 28A sa 28H tal-Kap. 9, 17, 23, 31 u 533 tal-kap. 9 sabet lill-appellant hati tal-ewwel, tat-tieni, tar-raba' w il-hames imputazzjoni w ma haditx konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni li hija alternattiva ghall-ewwel u ghat-tieni imputazzjoni w ikkundannatu ghal sentenza komplessiva ta' prigunerija ta' sitt snin u nofs li tinkludi fiha sentejn prigunerija li qabel kienu sospizi ghal erba' snin. Minn dan il-perjodu ta' prigunerija ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-appellant ghadda taht arrest preventiv. Ai fini tal-artikolu 533, il-Qorti ma kkundannatx lill-appellant ihallas l-ispejjez tal-esperti mahtura matul l-inkjesta li saret qabel is-16 ta' Jannar, 2006, izda kkundannatu jhallas l-ispejjez tal-espert Ivan Portelli mitlub mill-appellant stess, liema spejjez jammontaw ghal €387.75. L-ispejjez ghandhom jithallsu fi zmien xahar. Jekk jibqghu ma jithallsux, dawn ghandhom jinbidlu f'jum prigunerija ghal kull €11.65 li ma jithallsux.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-22 ta' Gunju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-htija dwar dik il-parti tas-serq mill-karozza ammess mill-appellant, u tirrevoka l-bqija tas-sentenza appellata w tiddikjara lil-appellant mhux hati tar-rimanenti imputazzjoni kontra tieghu migjuba jew alternattivament tvarja l-istess sentenza in kwantu jikkoncerna l-piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-elementi neccessarji sabiex tissusisti l-akkuza kif dedotta dwar is-serqa mill-fond Casandra, Triq Burgi, Swiegi High Ridge, ma rrizultax fil-gbir tal-provi, stante li ma ngabet l-ebda prova li dan l-uniku oggett li fuqu nstabet l-impronta digitali wahda tal-akkuzat, qatt ma kien f'post fejn seta' kien hemm l-appellant;
2. Illi l-Qorti sabet htija fuq serq ta' flus aggravat bil-valur fuq provi inaccettabbli fil-Qrati taghna, dawk tal-"hearsay";
3. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti l-piena nflitta hija eccessiva fic-cirkostanzi partikoli tal-kaz.

Ikkunsidrat:

L-argument tad-difiza qieghed principalment illi ma kelliex tinstab htija biss fuq impront ta' subgha wiehed illi instab fuq il-post liema mpront kien jaqbel ma dak ta' l-appellant. Din il-prova ma kienetx twassal sal-grad tal-htija minghar dubju dettat mir-raguni. Dana 'l ghaliex ma ngibitx prova illi l-appellant kien fil-vicinanza tal-jewel box fejn instab dan l-impront u lanqas ma rrizulta minn fejn inxtrat din il-jewel box jew inkella qattx ittiehded ghat-tiswija.

Id-difiza argumentat illi kellu jkun hemm mill-inqas xi prova ohra sabiex torbot lill-appellant ma din is-serqa u mhux biss fuq dan l-impront. Terga, t-taqlib illi kien hemm fid-dar ma kienx kagun tas-serqa izda ghax is-sidien kienu se jgorru u jmorru post iehor. Ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghetx timputa dan it-taqlib ghal xi operat ta' l-appellant jew inkella ta' xi nies ohra waqt is-serqa. Hi x'inhi, ma hemm l-ebda prova wkoll illi impront saret dak inhar tas-serqa u jista' jinghad biss illi l-impront instabet dak inhar tas-serqa meta l-esperti nominati mill-Magistrat Inkwirenti marru sabiex ifittxu u jelevaw impronti digitali. Ghal dak li jirrigwardja l-piena, argumentat illi l-piena ta' sitt snin u nofs habs huma eccessivi meta tqis ic-cirkostanzi kif ukoll il-fedina penali ta' l-appellant.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi wara l-konkluzjoni ta' l-espert mahtur mill-Magiatrat Inkwirenti d-difiza talbet in-nomina ta' espert iehor sabiex hu wkoll jaghmel analizi u ezami komparattiv bejn l-impront ta' l-appellant u dak illi nstab fuq ix-xena tad-delitt. Dan it-tieni rapport ikkonferma l-ewwel wiehed u ma hemmx dubju llum, illi fuq ix-xena tad-delitt specifikament fuq il-jewel box instab impront illi jaqbel ma dak ta' l-appellant. Lanqas ma jista jkun hemm dubju illi dak l-impront jista jkun ta' xi hadd iehor ghajr dak ta' l-appellant.

Fil-fatt, l-awtur Keith Simpson fil-ktieb tieghu Forensic Medicine (6th Edition, page 19) jghid: "Galton estimated that the chance of two prints from different fingers being identical was less than one in sixty four thousand millions – some thirty times the world population. It is perhaps more significant that never yet, in the world's crime record, have identical prints come to light unless from the same finger." Il-Qorti ma tistax tinjora din il-konkluzjoni xjentifika u jekk l-appellant deherlu illi kellu jikkontesta din il-konkluzjoni, allura jmissu gab il-provi hu u juri lill-Qorti illi dak l-impront digitali ma setax kien tieghu. Veru illi f'process kriminali l-prosekuzzjoni trid iggib il-provi taghha u l-akkuzat jista ma jipprova xejn, pero' meta jkollok prova bhal din illi jekk thalliha mhux kontestata twasslek ghal

certa konkluzjonijiet, allura f'dan il-kaz jkollok inverzjoni tal-provi sabiex akkuzat ikun jista' jikkontesta b'success provi illi ngabu mill-prosekuzzjoni.

M'huwiex bizzejjed illi l-akkuzat jippostola x'seta' gara jew ma garax. Il-possibli jista' jkun dejjem u mhuwiex grad ta' prova illi din il-Qorti tirrikonoxxi. Se mai, l-akkuzat imissu ghalmenu lahaq dak il-grad ta' probabilita biex it-tezi tieghu tirnexxi, izda dan il-grad ma ntlahaqx. U l-unika prova minghar dubju dettat mir-raguni li l-Qorti ghandha quddiemha huwa mpront digitali illi nstab fuq ix-xena tad-delitt, liema mpront jappartjeni biss lill-akkuzat u hadd aktar. M'huwiex tenut ghall-prosekuzzjoni illi ggib il-provi ta' kif dak l-impront instab fuq ix-xena tad-delitt. L-unika inferenza illi tista taghmel fuq din il-prova hija li l-akkuzat kien prezenti waqt is-serqa fix-xena tad-delitt biex halla l-impront tieghu fuq il-jewel box. Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni illi waslet ghaliha l-ewwel Qorti.

F'cirkostanzi bhal dawn hu bensaput illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni illi dik il-Qorti setghet ragonevalment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. Kif qalet il-kawza Republika ta' Malta vs Ivan Gatt, Appell Kriminali 1 ta' Dicembru, 1994, "Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell li jkun ibbazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anke jekk ikun hemm verzjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghet liberament u serenament tigi emmnuta minghar ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali verzjoni setghet tigi emmnuta u evidentement giet emmnuta . . . il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-deskrizzjoni u dak l-apprezzament." F'dan il-kaz ma hemmx verzjonijiet kontradittorji. Hemm prova wahda illi hija konklussiva u li twassal ghall-konkluzjoni wahda u minghajr dubju dettat mir-raguni illi l-appellant ghandu jinstab hati tar-reati addebitati lilu.

Ghal dak li jirrigwardja l-piena l-principju regulatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-deskrizzjoni ta’ l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-Ligi u ma jkunx fiha xejn x’jindika illi kellha tkun anqas minn dak illi tkun imponiet (Repubblika vs David Vella 14 ta’ Gunju, 1999, Repubbblika vs Eleno sive Lino Bezzina 24 ta’ April, 2003). Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti thoss illi m’ghandiex tiddisturba l-konkluzjoni illi waslet ghaliha l-ewwel Qorti liema konkluzjoni hija wahda ragonevoli u legali.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------